ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2014**

# IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) L-ISKEMA TAL-MARKI

*It-tweġibiet li ġejjin huma biss indikattivi, għalhekk tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati.*

**Taqsima A**

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1. | 5 (2,1,1,1) | Ir-rwol tal-aġenti sekondarji tas-soċjalizzazzjoni huwa li jkomplu jsaħħu t-tagħlim tal-valuri u tan-normi li jkunu għaddewlna fil-familja iktar kmieni fil-ħajja tagħna.<br>*Tliet eżempji minn*: il-kap u l-assistenti kapijiet tal-iskola, l-għalliema, kull min jaħdem fl-iskola, kif ukoll l-istudenti l-oħra kollha. |
| 2. | 5 | **L-edukazzjoni formali** hi dik li tingħata fl-iskejjel fejn il-kontenut jiġi rregolat skont l-istituzzjoni edukattiva u jiġi eżaminat u ċċertifikat.<br>**L-edukazzjoni informali** ma ssirx fl-istituzzjoni biss, iżda nirċevuha meta nkunu f'relazzjonijiet ma' nies oħra, waqt l-interazzjoni tagħna flimkien waqt xi laqgħat, diskussjonijiet kif ukoll mill-midja. |
| 3. | 5 | Minħabba l-avvanz fit-teknoloġija **l-edukazzjoni tul il-ħajja** saret importanti għax illum il-kompetizzjoni fis-suq u fix-xogħol hija waħda intensiva, fejn għal kull għadma hawn mitt kelb! Għalhekk, persuna li ma żżommx ruħha aġġornata mal-iżviluppi teknoloġiċi se ssib ruħha bla xogħol jew tibqa' fl-istess livell ta' xogħol mingħajr ebda ċans għall-promozzjoni. |
| 4. | 5 | L-inklużjoni hi kunċett importanti ħafna fl-edukazzjoni. Kulma tmur is-sistema edukattiva qed titjieb biex jitnaqqsu d-differenzi bejn l-istudenti, u kull student jiġi mgħallem skont il-livell tal-kapaċità tiegħu/tagħha. Dan qed isir billi llum hemm sistema ta' kulleġġi, fejn l-istudenti jibqgħu telgħin ma' sħabhom mill-primarja sal-aħħar tas-sekondarja. Barra minn hekk, qed jiġi offrut is-servizz tal-LSAs biex dawn ikunu ta' għajnuna għall-istudenti li ma jlaħħqux ma' sħabhom fil-klassi. Dan kollu jsir biex kulħadd jingħata l-istess opportunità ta' tagħlim. L-iskejjel saru aktar aċċessibbli għal studenti bi bżonnijiet differenti. |
| 5. | 5 | L-iskejjel jagħtu l-ewwel forma ta' dixxiplina, ta' regoli u ta' uniformi, jimxu skont it-*time-table* u mad-daqqa tal-qanpiena kulħadd ikun jaf xi jrid jagħmel. Dan kollu jservi ta' preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol fejn ukoll il-ġurnata tkun imqassma bl-istess mod għal iktar effiċjenza. F'ħafna skejjel sekondarji l-istudenti tar-raba' klassi qed ikollhom ukoll l-esperjenza ta' xogħol meta jattendu għal perjodu qasir ta' *job shadowing*. |
| **TOTAL** | **25** | |

## Taqsima B

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1. | 5 | Is-saffi tal-blat huma riġidi u fissi u ma jibdlux il-pożizzjoni tagħhom, iżda l-klassijiet soċjali f'sistema ta' stratifikazzjoni soċjali jistgħu jinbidlu. F'soċjetajiet demokratiċi persuna tista' ttejjeb l-istatus tagħha u titla' għal klassi ogħla jew tinżel għal klassi iktar baxxa milli kienet fiha qabel. |
| 2. | 5 | **Il-mobbiltà soċjali** tista' sseħħ primarjament permezz tal-edukazzjoni, kif ukoll permezz taż-żwieġ, ir-rebħ ta' xi lotterija jew xi wirt. Iżda barra l-avvanz, persuna tista' wkoll tfalli u titlef il-pożizzjoni soċjali li kienet tgawdi. |
| 3. | 5 | Skont Karl Marx dawn id-differenzi jistgħu jonqsu biss jekk kollox jiġi kkontrollat mill-gvern u mqassam b'mod ugwali, għalhekk il-klassijiet soċjali jitwarrbu. Skont Max Weber dawn jistgħu jitnaqqsu permezz tal-edukazzjoni u l-opportunitajiet għal kull min irid jistinka. |
| 4. | 5<br>(1,1,1,1,1) | Soċjetà taf tagħmel differenza fit-trattament tagħha u tiddiskrimina bejn:<br>nisa u rġiel, il-kulur tal-ġilda, sinjuri u foqra, nies anzjani jew tfal, persuni li m'għandhomx diżabbiltà u oħrajn b'diżabilità (*isemmu ħames eżempji*). |
| 5. | 5<br>(2,1,1,1) | Iva naħseb li f'Malta bħal f'kull pajjiż ieħor insibu nies iktar sinjuri minn oħrajn, nies iktar ikkwalifikati, nies b'xogħol ta' status iktar għoli, persuni b'iktar poter (*isemmu tliet eżempji*). |
| **TOTAL** | **25** | |

## Taqsima C

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1. | 5<br>(3,2) | Il-**kultura** hi l-istil ta' ħajja ta' pajjiż. Ħafna drabi din hi wirt ta' dawk ta' qabilna u tagħti lill-pajjiż l-identità tiegħu. Fiha tiġbor il-lingwa, il-folklor, it-tradizzjonijiet, l-arti u l-istorja tal-pajjiż.<br>Hu importanti li kulħadd iħares il-kultura ta' pajjiżu għax din tiddistingwina minn persuni u pajjiżi oħra. Din id-diversità hi xi ħaġa ta' prestiġju li għandha tinżamm ħajja. |
| 2. | 5 | Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni jgħallem lill-individwi membri ġodda kif jintegraw ma' dawk li jgħixu fl-istess soċjetà. Dan it-tagħlim jgħin biex in-nies jirrispettaw lil xulxin u jgħinu lil xulxin, jobdu l-liġijiet u n-normi tal-pajjiż u jħaddnu valuri komuni, u għalhekk il-liġi tal-ġungla tiġi eliminata. |
| 3. | 5 | Pajjiżi demokratiċi jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet kollha, fuq kollox id-dritt tal-vot, tal-espressjoni, tat-twemmin, id-dritt tal-ħajja u ħafna oħrajn. L-Istat ukoll joffri mezzi ta' pluraliżmu, speċjalment fix-xandir u jħalli l-ispazju għal gruppi ta' pressjoni biex dawn ukoll isemmgħu leħinhom bla biża' ta' repressjoni. Fl-istess waqt, l-Istat jippretendi li ċ-ċittadin jobdi l-liġi tal-pajjiż, iħallas it-taxxi lill-gvern u jieħu ħsieb l-ambjent bħala obbligu tiegħu. F'pajjiżi totalitarji, iċ-ċittadin hu mistenni li jħares l-obbligi kollha tiegħu, iżda ma jgawdi mill-ebda libertajiet jew dritt bħal mhu dak tal-vot. |
| 4. | 5<br>(2,3) | Ir-**relazzjonijiet industrijali** huma relazzjonijiet li jseħħu fuq il-post tax-xogħol biex kull min hu involut jagħmel ċert li x-xogħol jibqa' miexi b'ritmu tajjeb.<br>L-imsieħba soċjali involuti f'dawn ir-relazzjonijiet huma: il-gvern, min |

| | | |
|---|---|---|
| | | iħaddem u l-ħaddiem, li għalih ħafna drabi meta jinqala' xi kunflitt jitkellmu u jinnegozjaw it-trejd unjins f'ismu. Dawn jiddiskutu bejniethom biex jilħqu qbil fuq kundizzjonijiet differenti, bħalma huma l-pagi, il-ħinijiet, it-taħriġ u s-sahra. |
| 5. | 5 | Ngħidu li aħna **interdipendenti** għax l-ebda bniedem ma jista' jgħix waħdu, kulħadd huwa bżonn xulxin speċjalment biex naqdu l-bżonnijiet emozzjonali u funzjonali tagħna.<br>*Żewġ eżempji minn*: nitlob is-servizz ta' bennej meta rrid nagħmel xi xogħol tal-bini; it-tfal għandhom bżonn l-għalliema għall-edukazzjoni formali tagħhom; ix-xufier tal-karozza tal-linja biex inkunu nistgħu nivvjaġġaw. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima D**

Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.
F'din it-taqsima l-25 marka jitqassmu kif jidher hawn taħt:
20-25: tajjeb ħafna
15-19: tajjeb
12-14: mhux ħażin
0-11: mhux tajjeb

L-istudenti huma mistennija joħorġu b'ideat bħal:

1. Id-demokrazija hija sistema politika li tagħti ċ-ċans lill-poplu biex jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi kif ukoll fl-għażla tar-rappreżentanti permezz ta' elezzjoni. **Tal-poplu**: min jiggverna hu r-rappreżentant tal-poplu, għalhekk irid ikun sensittiv għall-ħtiġijiet tal-istess poplu. **Mill-poplu**: ir-rieda tal-maġġoranza trid tiġi rispettata u l-poplu jrid jingħata ċ-ċans għall-parteċipazzjoni attiva f'kulma jkun qed jiġri fil-pajjiż. L-elezzjonijiet iridu jinżammu regolarment u l-pożizzjonijiet ta' kariga ma jintirtux. **Għall-poplu**: il-poter irid jiġi użat biex il-ġid tal-pajjiż igawdi minnu kulħadd u dan jiġi żgurat permezz ta' numru ta' partiti politiċi li jkollhom ideoloġiji differenti. Ikun hemm id-deċentralizzazzjoni tal-poter, ir-rispett lejn il-liġi, kif ukoll sistemi imparzjali tal-ġustizzja.

2. Il-familja Maltija bħala istituzzjoni qed tinbidel ħafna. Dan iż-żmien bosta familji huma simmetriċi jiġifieri l-irġiel u n-nisa saru jgawdu mill-istess drittijiet u obbligazzjonijiet fi ħdan il-familja. Kemm ir-raġel kif ukoll il-mara saru jaħdmu barra mid-dar biex jgħollu l-livell tal-għajxien tal-familja, bin-nisa jsiru dejjem iktar orjentati lejn il-karriera. L-ulied saru jintbagħtu l-iskola, iżda ħafna drabi jibqgħu waħedhom meta jiġu mill-iskola għax il-ġenituri jkunu għadhom ix-xogħol jew iridu jaraw min se jieħu ħsiebhom. Il-familja rari saret issib ħin biex toqgħod tiekol flimkien u titkellem. Ħafna drabi kull membru jiekol għal rasu quddiem it-televixin jew waqt li jkun quddiem il-kompjuter. Il-mezzi tat-teknoloġija saru qishom membri ġodda tal-familja, dejjem preżenti bla ma jagħtu ċans lill-membri l-oħra għal ħin mingħajrhom. Effett ta' dak li jaraw fuq it-televixin hu l-konsumeriżmu sfrenat li jġibna skjavi tal-oġġetti u qatt ma nkunu kuntenti b'li jkollna. B'mod partikolari, iż-żgħażagħ trabbew f'dan l-ambjent, għalhekk qed jitilfu l-valur tal-flus u mingħalihom li kulma jridu jistgħu jeħduh għax hekk draw. Din il-pressjoni kollha fuq il-ġenituri ġġib problemi ta' nuqqas ta' flus, tifrik ta' familji minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-membri, nuqqas ta' ħin għal xulxin, id-divorzju, l-abbuż kemm fiżiku kif ukoll mentali, kif ukoll l-abbuż tal-alkoħol u d-droga.

3. Hemm tliet sistemi ekonomiċi ewlenin li gvern jista' jagħżel li jħaddem. Hemm dik **ċentralizzata** fejn kollox ikun f'idejn l-Istat u dan jimpjega lil kulħadd miegħu u jħallas skont kemm jaħseb li l-pajjiż jiflaħ. Dan ikun joffri wkoll sistema ta' *welfare* totali u l-privat f'din it-tip ta' sistema ma jeżistix. Illum din it-tip ta' sistema ma tantx għadha popolari. It-tieni tip ta' sistema ekonomika hi dik **ħielsa**, fejn bil-maqlub ta' dik ta' qabilha kollox ikun f'idejn il-privat; il-gvern ma jkunx jindaħal u ma jikkontrolla xejn. L-uniku kontroll ikun skont il-liġi tad-domanda u l-offerta. Il-gvern jieħu ħsieb biss is-sigurtà u l-infrastruttura tal-pajjiż. Kull servizz u prodott ikun bil-flus u ħafna drabi ftit li xejn tiġi offruta l-għajnuna tal-*welfare*. Ikun hemm iktar għażla u kompetizzjoni fil-prodotti u s-servizzi offruti. It-tielet tip ta' sistema hi dik **imħallta**, fejn insibu bilanċ bejn dawk l-affarijiet li jiġu offruti mill-gvern u dawk li jkunu f'idejn il-privat. Ħafna drabi f'din it-tip ta' sistema l-*welfare* toffri benefiċċji għal dawk fil-bżonn u servizzi bħalma huma s-saħħa u l-edukazzjoni b'xejn għal kull min jixtieq jagħmel użu minnhom. Illum f'Malta qed noqorbu ħafna lejn sistema ekonomika ħielsa. Ħafna affarijiet m'għadhomx f'idejn il-gvern, iżda nbiegħu lill-privat, għalkemm xorta waħda għadna nsibu benefiċċji offruti mill-gvern għal dawk fil-bżonn u servizzi b'xejn għal kulħadd maġenb oħrajn li huma bi ħlas. Dan biex aħna jkollna d-dritt tal-għażla. Illum hemm ħafna għażla ta' prodotti u prezzijiet, iżda din l-għażla tiddependi mir-riżorsi finanzjarji li persuna jkollha.

4. Dari f'Malta tista' tgħid li kull persuna kienet Kattolika u kienet tipparteċipa b'mod sħiħ fil-funzjonijiet tal-knisja b'mod regolari. Il-Knisja kellha awtorità kbira kemm fuq l-individwu, il-familji, u l-gvern. Kienet tinfluwenza l-kultura Maltija għax kollox kemm jekk kien arti, mużika, skultura, kif ukoll il-liġi, kien ikollu rabta mal-Knisja. Il-bniedem kien jibda mit-twelid sal-mewt b'funzjonijiet tal-Knisja, iżda maż-żmien dawn bdew isiru iktar festi soċjali milli reliġjużi, l-istess bħalma ġralhom il-festi tar-raħal. Dawn ma baqgħux festa tal-qaddis għat-talb fil-knisja, imma festi fit-toroq li jdumu għaddejjin ġimgħa sħiħa bil-piki bejn il-każini, ħafna xorb alkoħoliku u briju. Illum l-attendenza fil-knisja għall-quddies naqset ħafna, ħafna żgħażagħ imorru għax ikunu sfurzati, filwaqt li ħafna nies m'għadx għandhom ħin imorru l-knisja kuljum bħalma kienu jagħmlu dari. Għalhekk ngħidu li s-soċjetà Maltija qed issir waħda sekulari. Anke l-liġijiet li l-Knisja kienet kontrihom, illum daħlu fis-seħħ għax il-poplu xtaqhom, bħalma huma d-divorzju u l-użu ta' metodi ta' ppjanar tal-familja li mhumiex aċċettati mill-Knisja. Madankollu, dan ma jfissirx li l-poplu Malti sar iktar ħażin jew bla valuri għax illum min jagħżel li jemmen, jagħmel dan għax verament irid u mhux bħal qabel għax kien sfurzat. Ħafna żgħażagħ illum huma impenjati sew fi gruppi reliġjużi u f'attivitajiet volontarji organizzati mill-Knisja, li żgur huwa ta' aktar ġid għalihom.

**Total: 25 marka**

**Total tal-karta: 100 marka**